MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2012

Rikors Kongunt Numru. 325/2012

**AB**
**U**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ir-rikors kongunt tal-partijiet;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-6 ta’ Gunju, 2012;

Rat illi l-partijiet izzewgu fis-16 ta’ Settembru 1989;

Rat l-affidavit kongunt tal-partijiet;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti issodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mit-3 ta’ Frar, 1994 u illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi l-partijiet ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda manteniment dovut f’dan l-istadju stante illi l-ulied huma maggorenni u illi skond il-kuntratt ta’ separazzjoni bejn il-partijiet, il-partijiet kienu irrinunzjaw reciprokament ghal kull dritt rispettiv taghhom illi jitolbu u / jew jircievu manteniment minghand xulxin;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------